# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 28**

**Rikors numru 22/06 JVC**

**Maureen Wood**

**v.**

**John Attard**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat ta' Maureen Wood, ipprezentat minnha fl-20 ta' Marzu, 2006, li permezz tieghu nghad:

> "Illi l-esponenti tinsab kreditrici tal-konvenut fis-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm60,000.00c) rapprezentanti flejjes lilu moghtija taht pretensjonijiet foloz minn April 2005 sa Jannar 2006.
>
> "Illi l-konvenut baqa' ma hallasx din is-somma minkejja li gie nterpellat jaghmel dan permezz ta' ittra ufficjali numru 61/06 u l-ittra ufficjali numru 77/06, fl-ismijiet Maureen Wood vs John Attard.

> "Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:
>
> "1. tiddikjara li l-flejjes moghtija lill-konvenut gew moghtija lilu taht pretensjonijiet foloz; u
> "2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm60,000.00c).
>
> "Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 61/06 u l-ittra ufficjali numru 77/06, bl-imghax skont il-Ligi kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut John Attard tas-17 ta' April, 2006, li permezz taghha eccepixxa:

> "1. Illi ma huwiex minnu illi l-attrici ghaddiet lill-esponenti xi flus taht xi pretenzjonijiet foloz;
>
> "2. Illi l-unika kuntrattazzjoni ta' flus li ghaddiet bejn il-partijiet u li tista' twassal ghal talba ta' hlas lura, kienet dik konsistenti f'self tas-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) maghmul mill-attrici lill-esponenti fl-1 ta' Gunju 2005 li, skont kif miftiehem bejn il-partijiet, kellha tithallas fi zmien sentejn, i.e sal-1 ta Gunju 2007. F'dan il-kuntest kwalsiasi talba ghall-hlas lura ta' din is-somma ta' l-Lm10,000 hija f'kull kaz intempestiva.
>
> "3. Illi kull materja ohra li ghaddiet bejn il-partijiet kienet biss unikament ta' natura strettament personali u bl-ebda mod ma tista' qatt tingieb bhala xi meritu tal-kawza odjerna;
>
> "4. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attrici inkwantu ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

3. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, tat-22 ta' Settembru, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat li s-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf, seba' mija u disghin ewro u sittin centezmu

(€142,790.60) ekwivalenti ghas-somma ta' wiehed u sittin elf, u tliet mitt Lira Maltin (Lm61,300) moghtija lill-konvenut mill-attrici gew moghtija lilu taht pretensjonijiet foloz; kif ukoll laqghet it-tieni talba attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u disgha u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin ewro u erbghin centezmu (€139,762.40) ekwivalenti ghas-somma mitluba fir-rikors guramentat ta' sittin elf Liri Maltin (Lm60,000). Bl-ispejjez kollha nkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 61/06 u l-ittra ufficjali numru 77/06 u stante li l-ammont qatt ma kien ikkontestat, izda kien kontestat biss jekk kienx dovut lura jew le, ghandu jithallas imghax skont il-ligi mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fatti:
>
> "Illi l-fatti f'din il-kawza huma li l-attrici lura fis-sena 2004 kienet ghaddejha minn zmien difficli fir-relazzjoni taghha mar-ragel u fittxet l-ghajnuna ta' investigatur privat bl-isem ta' Grace Gatt sabiex possibilment tikkonferma jekk ir-ragel kellux ghajn mara ohra. Tul il-process tal-laqghat li l-attrici kellha ma' Grace Gatt din issuggeriet li kienet taf ragel li l-attrici setghet tiltaqa' mieghu. Wara li hasbita ftit l-attrici gabet in-numru tat-terz li jirrizulta li huwa l-konvenut odjern John Attard u cemplitlu. Sar ftehim li jiltaqghu u jkollhom relazzjonijiet intimi u li ta' dan l-attrici kellha thallsu s-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100) kull darba. Jirrizulta mill-provi li dawn iltaqghu gewwa zewg lukandi diversi u l-ispejjez tal-lukandi kienet thallashom l-attrici. L-attrici ssostni li minn dawn l-inkontri kien hemm biss erbgha, il-konvenut isostni li seta' kien hemm minn hamsa sa ghaxra. Kien hemm ukoll diversi okkazzjonijiet fejn il-partijiet ltaqghu sabiex jiehdu bibita l-Belt Valletta waqt li l-konvenut ikun qed jistenna lil ommu tlesti mill-Isptar Boffa.

"Huwa ammess miz-zewg partijiet li tul iz-zmien li damu ghaddejjin b'din ir-relazzjoni pjuttost anomala li l-attrici ghaddiet is-somma ta' ftit oltre minn sittin elf Liri Maltin (Lm60,000) lill-konvenut. L-attrici tghid li dawn hija ghaddiethom lill-konvenut bl-intenzjoni li jithallsu lura wara li kienet tithassru ghax kien igibilha hafna skuzi ghalxiex kellu bzonn il-flus u anki jibki, kienet tithassru u tghaddilu l-flus. Fost l-iskuzi kien hemm il-marda ta' ommu, li ried jixtri ghalqa u li kellu jhallas xi flus bl-usura. Fil-fatt tista' tghid li l-attrici ghaddietlu gidha kollha stante li hija kellha madwar hamsa u sittin elf Liri Maltin il-Bank (Lm65,000) u oltre sittin elf Lira Maltin (Lm60,000) minnhom ghaddew ghand f'diversi okkazzjonijiet lill-konvenut. L-attrici ssostni li hija f'dak iz-zminijiet kienet tbati min problemi psikiki u kienet ghaddejha f'perjodu fejn anki fuq parir tal-konvenut (kif ammess fix-xhieda tieghu stess ghaliex skont hu raha normali – fol. 144) kienet waqqfet il-medicina u b'hekk il-kundizzjoni taghha kienet aggravat aktar u b'hekk hija kienet ferm vulnerabbli.

"Il-konvenut jammetti li ssellef is-somma ta' ghaxart elef Liri Maltin minghand l-attrici u li kien beda jhallasha lura izda jghid li hamsin elf Liri Maltin (Lm50,000) l-ohra l-attrici tathomlu allura m'ghandiex dritt titlobhom lura. Wara li l-konvenut ottjena s-somma ta' sittin Elf Liri Maltin (Lm60,000) huwa nkontestat li huwa prova jaqta' kull relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet ghax skont hu messitu l-kuxjenza dwar it-tip ta' relazzjoni li kellhom. Il-konvenut jammetti li l-attrici ghamlet zmien titolbu l-flus lura u konsegwentement gew intavolati zewg ittri ufficcjali datati 26 ta' Jannar, 2006 u l-1 ta' Frar, 2006 (fol. 3 u 4) fejn l-attrici talbet lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamsa u hamsin elf Liri Maltin (Lm55,000) li skont l-istess ittri dawn huma deskritti bhala 'flejjes lilek moghtija taht pretensjonijiet foloz'. Il-konvenut isostni li dawn l-ittri saru wara li huwa rrifjuta li jkompli r-relazzjoni mal-attrici. Dan kollu sar f'temp ta' ftit xhur.

"Irrizulta li fl-istess perjodu li l-attrici kienet ingaggat lil din Grace Gatt, il-konvenut ukoll kien ingagga lill-istess Gatt sabiex tahdem fuq xi flus li huwa kellu jigbor. Minn hemmhekk ukoll jidher li t-transazzjonijiet bejn il-konvenut u Grace Gatt espandew u kkumplikaw ruhhom u filfrattemp giet involuta wkoll certa Lourdes marru oltre tant li l-konvenut spicca jaghtihom il-flus sabiex tinxtara persuna qrib il-ministru jew sahansitra l-istess ministru biex huwa ma jinghatax trasferiment minn fuq il-post. Inqalghet ukoll kwistjoni fejn din Grace Gatt laqqghet lill-konvenut ma' persuna ta' sess femminili minuri u wara li dan kellu xi kuntatt maghha huwa spicca rikattat suppost minn omm din il-persuna minuri sabiex ihallas eluf kbar inkella kienet ser tirraportah. Dwar dan kollu ttiehdu proceduri kriminali kontra dawn il-persuni fuq rapport tal-istess konvenut kif ukoll hemm proceduri civili pendenti. Il-konvenut jammetti li l-flus tal-attrici thallsu lil din Grace Gatt ghar-ragunijiet imsemmija minnu fl-istqarrijiet tieghu.

"Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija li l-attrici ssostni li l-flus kollha li ghaddiet lill-konvenut kienu b'self u li nghataw lilu taht pretensjonijiet jew skuzi foloz moghtija mill-konvenut lilha. Il-konvenut isostni li filwaqt

li ma jikkontestax li ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) vera kienu b'self tant li kienet saret skrittura izda kienu dovuti fi zmien wara li nfethet il-kawza u ghalhekk it-talba hija wahda ntempestiva. B'referenza ghar-rimanenti hamsin Elf Liri Maltin (Lm50,000) isostni li nghataw lilu abbazi tar-relazzjoni personali li kien hemm bejn il-partijiet, isostni li ma kienx hemm pretenzjonijet foloz u li mhux dovuti lill-attrici.

"Intempestivita:

"Illi dwar l-intempestivita' tal-kawza attrici ghar-rigward tas-somma ta' ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000) il-partijiet jaqblu li dawn inghataw lill-konvenut b'self u li kienet saret skrittura bejniethom li kienet zammitha l-attrici. L-attrici tammetti li din l-iskrittura hija tilfitha. L-allegazzjoni tal-konvenut hija li la ma kienx hemm fethim dwar meta kellu jithallas dan id-dejn allura bil-ligi din kellha tithallas lura fi zmien sentejn. Jigi rilevat izda li mill-atti tal-kawza ghajr ghall-verzjoni tal-konvenut ma jirrizulta minn imkien li l-partijiet kienu ftehmu bejniethom fuq il-perjodu ta' sentejn. Hareg izda car li qabel ma giet intavolata l-kawza l-konvenut kien gia beda jhallas lura tali somma lill-attrici u kien hemm zmien li waqaf minhabba li skont kif qalilha sab ruhhu f'diffikultajiet finanzjari:

'Bqajna niltaqghu u f'Gunju ta' dik l-istess sena jien kont staqsejtha biex issellifni ghaxart elef Lira Maltija u weghdtha li ha naghtihomlha lura u nfatti sa Novembru tal-2005 kont diga' hallast elfejn u tmien mitt Lira Maltija lura mis-somma li kienet sellfitni.' (fol. 117)

'Minkejja dan kollu jien bqajt mad-decizjoni li kont hadt li nwaqqaf ir-relazzjoni zbaljati li kellna u ghazilt illi ninjora l-messaggi taghha kollha u fl-ahhar Maureen baghtitli sms iehor li kien jghid, "Aghtini l-flus kollha lura." Fl-istess perjodu, bejn Jannar u Frar imbaghad ircevejt ukoll zewg ittri ufficjali. . . min dakinhar 'il hawn jien ma tajthiex iktar pagamenti fuq l-ghaxart elef li selfitni minnhabba li jiena ma stajtx nemmen li din kienet qighdha titlobni lura sittin elf Lira Maltin, lili kull ma sellfitni kienu ghaxart elef biss.' (fol. 119)

"A fol. 133 tal-process anki l-attrici tikkonferma li l-konvenut ta xi haga zghira pagamenti fuq l-ghaxart elef Lira Maltin mislufa. L-attrici qatt ma kkonfermat li l-perjodu biex ihallas lura kien ta' sentejn u l-fatt li l-konvenut kien beda jhallas ma jimmilitax favur din il-verzjoni. Fi kwalunkwe kaz l-allegazzjoni tal-konvenut li l-flus kienu dovuti fi zmien sentejn ma gietx pruvata.

"Fil-fatt la darba l-kawza nftehet fl-20 ta' Marzu, 2006 u l-partijiet ltaqghu fis-sena 2005 jirrizulta ghalhekk car li l-konvenut kien beda jhallas lura din is-somma lill-attrici ferm qabel il-perjodu ta' sentejn vantat minnu. Fi kwalunkwe kaz mill-prezentata tal-kawza fl-20 ta' Marzu, 2006 sallum ghaddew mill-anqas disa' snin u ai termini tal-principju ta' 'ius superveniens firmat actionem vel exceptionem'[1] in vista tat-trapass taz-

[1] Paolo Schembri vs. Rosina Bonnici et, Appel Civili, deciza 12 ta' Gunju, 1953.

zmien ta' ben oltre mis-sentejn vantati, din l-eccezzjoni llum hija zgur sorvolata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenut.

"Mertu:

"Illi mill-mertu l-attrici fl-affidavit taghha (fol. 22 et seq) issostni li hija selfet is-somma komplessiva ta' wiehed u sittin elf u tliet mitt liri Maltin (Lm61,300) lill-konvenut abbazi ta' pretensjonijiet foloz li fl-affidavit taghha hija tiddikjara li huma s-segwenti:

"1. 'Darba minnhom kien cempilli w qalli li kellu problema bl-uzura. Hu kien qalli li kienet 'capsitu' Grace bl-uzura.'

"2. 'Kien qalli li minhabba l-marda ta' ommu kellu bzonn il-flus'.

"3. 'Kien qalli li kellu xi proprjeta' ghall-bejgh u ma setax jigbor il-flus, ghaldaqstant kien avvicina lil Grace biex tghinu jigbor il-flus u spicca jiddejjen minn fuq l-idejn.'

"4. 'Kien jghidli li kellu hafna nkwiet u li ma jistax johrog mid-dar ghaliex kien mhedded minhabba l-uzura. Kien anke jibki fuq it-telephone. Kien qalli li kellu bzonn ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000). Jien kont thassartu u ghidtlu li kont se nghinu.'

"5. ' . .spiccajt li l-bicca l-kbira kont incempillu jien u dejjem nitkellmu fuq il-problemi tieghu. Dawn kienu dejjem l-istess li ommu kienet marida w kien se jispicca wahdu w li kellu l-problemi ta' flus minhabba l-uzura. Kien gieli cempilli biex jghidli kemm jinsab imdejjaq bis-sitwazzjoni tiehgu u beda jcempilli biss dawk id-drabi li hu ried il-flus. Kien hemm zewg okkazzjonijiet ohra fejn John talabni pagamenti ohra li dejjem kien qalli li kellu bzonnhom minhabba l-uzura.'

"6. 'Darba minnhom kien cempilli w qalli li kellu bzonn hamsa u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) ghaliex ried jixtri ghalqa biswit mal-ghalqa li kellha l-familja tieghu ghaliex huma kienu bdiewa. Jiena kont ghidtlu li ma ridtx nghaddilu dawn il-flus. Wara xi gimgha kien cempilli jibki u qalli li kellu bzonn dawk il-flus minhabba l-uzura. Kien cempel jibki w kien rega' weghdni li se jaghtini l–flus kollha lura.'

"7. 'Niftakar li darba minnhom tant qalli li kellu problema kbira bl-uzura li kien talabni sabiex inehhi l-flus mill-fixed account sabiex jehles mill-inkwiet u ghal darba ohra kien weghdni li kien se jaghtini l-flus lura. Kien anke gie mieghi l-bank u John stess kien qal lil tal-bank li jiena kelli bzonn il-flus minhabba mard.'

"A fol. 133 tal-process fil-kontro-ezami l-attrici terga' tikkonferma illi:

'ghax hu kien qalli li hu mcappas bl-uzura. Kellu hafna nkwiet ghax ommu kienet qeghdha tmut,'

"A fol. 134 meta mistoqsija ghalfejn bil-mod il-mod taghtu aktar flus tghid:
'ghax hu kien gabli l-iskuza, beda jibki fuq it-telephone, qalli 'ghax imcappas bl-uzura'.

"Dwar l-intenzjonijiet ta' kif kienu qed jghaddu l-flus, l-attrici ssostni li 'hu kien weghdni li kien ser jerga' jirritorna l-flus kollha lura w qalli sabiex immur Ghawdex u nsaqsi ghalih, w taghni garanzija li kulhadd kien jghidli kemm kien ragel sew u kwiet.' (fol. 24) F'diversi partijiet tal-affidavit taghha hija tikkonferma li kien iweghda li ser ihallasha lura. A fol. 133 tixhed kif isegwi:

> 'Avukat: U vera kellu xi problem ma' din il-persuna. Imma, inti, il-flus kont … naqblu li int kont tajthomlu b'rigal?
> Xhud: Le.
> Avukat: Li inti kont thossok li haqqek, peress li kien jurik hafna rispett.
> Xhud: Le. Mela ma naghtihx gidi rigal. U jien x'naghmel, jekk naghtih gidi rigal, jew donazzjoni?
> Avukat: Allura, karta, skrittura . . .
> Xhud: jew donazzjoni. Jew donazzjoni naghtihomlu?'

"Mill-atti kollha tal-process il-Qorti ma sabet ebda prova li sal-mument li l-attrici kienet qed tghaddi l-flus lill-konvenut, illi hija f'xi mument kienet giet a konjizzjoni mill-konvenut tas-sitwazzjoni vera li kien fiha l-konvenut u dak li kien ghaddej bejn Grace Gatt, Lourdes Castillo u hu. Min-naha l-ohra jirrizulta mill-atti li sa mill-bidu l-intenzjoni tal-konvenut li jiltaqa' mal-attrici kien li huwa jiehu flus minghandha fil-fatt dan jammettih hu stess:

'kien hemm certa Grace Gatt, qaltli li kien hemm mara ried ikollha relazzjoni. Jien dak inhar kelli bzonn il-flus, jigifieri.' (fol. 72)

"Apparti minn hekk l-attrici tikkonferma li huwa kien ghamlilha certu domandi sabiex jitkixxef kemm kellha flus tant li din kienet ammettiet mieghu li hija kellha s-somma ta' hamsa u sittin Elf Liri Maltin (Lm65,000). Il-Qorti ma tqisx li kien b'kumbinazzjoni li wara li l-konvenut ha s-somma ta' oltre sittin elf liri Maltin (Lm60,000) minghand l-attrici hu ried iwaqqaf kwalunkwe kuntatt li kellu maghha, mhux ghaliex messitu l-kuxjenza izda ghaliex kien jaf li ma kellha xejn aktar x'johdilha:

'Meta konna niltaqghu kien jghaddili botti u jghidli li nidher li ghandi l-flus u li jien sinjura. Kien beda jghidli li jahseb li ghandi xi mitejn elf Lira Maltin (Lm200,000) il-bank. Maz-zmien kont ghidtlu li ghandi hamsa u sittin elf Lira Maltin (Lm65,000) il-bank, liema flus kienu ghandi b'wirt taz-zija tieghi li kienet tghix Londra.' (fol. 23)

'Meta tajtu l-flus qatt ma ltqajna aktar sabiex ikollna relazzjonijiet intimi.' (fol. 24)

"Mill-provi anki *ex admissis* mill-konvenut, il-konvenut kien juza l-fatt li l-attrici xtaqet li r-relazzjoni taghhom ma tispiccax billi jgibilha skuzi li

ghandu bzonn il-flus ghall-pretenzjoni falza jew ohra u jgieghla tithassru biex jikkonvinciha tghaddilu l-flus. Li huwa kien juza dan il-metodu johrog mix-xhieda a fol. 142 tal-process fejn jghid:

> ’x’hin kienet tibza’ li ha naqtghu, kienet ittini iktar minn mitt lira.’

“A fol. 148 jerga jixhed:

> ‘kull meta kienet tinduna li rrid naqta’ jew hekk, kienet tghaddili.’

“Il-Qorti hija moralment konvinta li ma kienx ikun fil-kuntest tal-hlas tal-mitt lira (Lm100) tal-prestazzjoni li l-attrici kienet tghaddi sommom akbar lill-konvenut izda kienet taghmel dan biss meta joqghod igibilha pretensjonijiet foloz sabiex hija tithassru u tghaddilu l-flus biex isolvi l-problemi tieghu li ma kienx jghidilha l-verita x’inhuma. F’dan il-kuntest il-konvenut kien isib komdu l-fatt li l-attrici setghet tahseb li jekk tghaddilu l-flus biex tghinu huwa forsi seta’ jkompli bir-relazzjoni maghha dan izda bl-ebda mod u tigbid tal-imaginzazzjoni ma jista’ jinftiehem li kienet ittihomlu rigal.

“Dan kollu wkoll kien isir fi zmien fejn l-attrici kienet ghaddejja minn problemi ta’ sahha mentali (li effettivament ilha tbati bihom minn meta kienet zaghzugha) kif jikkonferma x-xhud Dr. Joseph Saliba a fol. 97 tal-process, liema xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-konvenut ghalkemm fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu jipprova jnaqqas mill-valur taghha ghaliex isostni li hija *ex parte*. Dr. Joseph Saliba fir-rapport/xhieda tieghu jikkonkludi kif isegwi:

> ‘Although, during the period in question, I did not assess her specifically to determine her mental capacity/faculty, however it is reasonable to conclude, from how she presented at the time, that her judgement was probably impaired, and that because of her depressed state of mind, she would have been more dependent on others, more vulnerable and more liable to adverse influence, or exploitation by others.’ (fol. 99)

“Din il-Qorti ma sabet xejn fir-rapport li jista’ b’xi mod iqajjem dubju fuq l-integrita’ u l-gudizzju tax-xhud Dr. Joseph Saliba li kien jikkura lill-attrici kemm qabel sehh il-mertu ta’ din il-kawza kif ukoll wara. Anzi dak li jinghad fir-rapport jikkonferma l-istat li kienet fih l-istess attrici dak iz-zmien kif tixhdu fil-kontro-ezami a fol. 127:

> ‘Avukati: ‘U l-kalmanti dejjem hadthom sinjura?
>
> Xhud: dejjem, dejjem. Imbaghad meta ltqajt ma’ John Attard, qalli “dawk ma ghandekx bzonnhom waqqafhom”. Imbaghad, qabel ma selliftu l-flus. Imbaghad bdejt insir weak, u bdejt ninzel hux, imbaghad taf x’jigri jekk ma nehodhomx, nibda nithawwad . . ma nkunx naf x’qeghda naghmel minghajrhom.’

“Fuq kollox u fi kwalunkwe kaz kien jinkombi fuq il-konvenut li kieku ried jattakka l-validita’ ta’ dik l-evidenza kellu jgib provi hu biex jirribatti l-istess izda ghazel li dan ma jaghmlux.

“Minn dak kollu suespost izda l-Qorti ma tasalx ghall-konkluzjoni li l-attrici kienet qed taghti l-flus lill-konvenut minghajr l-intenzjoni li jintraddu lura lilha kif qed jipprova jsostni l-konvenut:

> ‘Avukat: hi, imma hi, talbithomlok il-flus? X’kienet tghidlek biex titolbok il-flus?
> Xhud: Iva.
> Avukat: U x’kienet tghidlek?
> Xhud: biex naghtiha l-flus lura hux.
> Avukat: kienet titlobhomlok jigifieri lura.
> Xhud: iva, pero’ jiena l-ghaxart elef lira kont obbligat li naghtiha. Dak is-self.’ (fol. 78)

“Din il-Qorti hija konvinta li parti mill-pretensjonijiet li kien iressaq lill-attrici l-konvenut sabiex jikkonvinciha tghaddilu l-flus kienu li ser ihallasha lura meta fil-fatt qatt ma kellu l-intenzjoni li jaghmel dan. A fol. 134 tal-process l-attrici meta mistoqsija specifikatament li allegatament hija ddecidiet li titolbu l-flus lura biss wara li huwa xtaq itemm ir-relazzjoni, tirrispondi kif isegwi:

> ‘jien minn qabel ghidtlu li ser insellifhomlu. Jien qabel ghidtlu.’

Lanqas hija verosimili l-pretensjoni tal-konvenut li l-flus kollha li l-attrici ghaddiet lill-konvenut ghaddew lilu ghall-prestazzjonijiet sesswali tieghu. Dan stess huwa kontradett minnu fl-istqarrijiet li l-konvenut stess ta lill-Pulizija fejn dejjem sostna li l-ftehim kien li huwa jithallas is-somma ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) ta’ kull darba (fol.71). L-istess tikkonferma l-attrici diversi drabi fosthom fil-kontro-ezami taghha a fol. 132:

> ‘Avukat: Lil John Attard. Nghid sew li inti lis-sinjur, lil John Attard, kont ittih flus, bhala rigal biex ikollkom, bhala rigal talli jkollkom x’taqsmu flimkien?
>
> Xhud: Ie, kull darba tajtu mitt lira, u erba’ darbiet biss morna fil-lukanda. U kulma tajtu erba’ mija.’

“Fil-verzjoni li jaghti l-konvenut lill-Pulizija waqt l-investigazzjoni kriminali kontra terzi huwa konferma li l-flus li kien ottjena minghand l-attrici kienu b’self u mhux xi rigal, huwa f’dawn l-atti li huwa qed jaghti versjoni diversa. Dawn huma kkwotati fil-paragrafi li jmiss.

“Illi r-ragunijiet vera ghalfejn il-konvenut kellu bzonn il-flus li ha minghand l-attrici johrog car mill-istqarrijiet li huwa ta fit-13 ta’ Lulju, 2006 u 14 ta’ Settembru, 2006 lill-Ispettur Angelo Gafa u li jinsabu a fol. 66 et seq:

> ‘Dan ifisser li b’kollox lil Lourdes Castillo ghaddejtilha total ta’ Lm60,000 dejjem bil-premess li dawn imorru ghand il-Ministru Louis Galea sabiex jien ma nitkecciex mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u fl-ahhar ziedet tghid li mhux talli ma kontx sejjer nitkecca imma talli kont ser niehu

> promozzjoni. Mistoqsi minn fejn gibt dawn il-flejjes kollha jien nsostni li dawn hafna minnhom kienet tathomli certu wahda bl-isem ta' Maureen Wood minn Naxxar u li kienet laqqghetni maghha Grace Gatt.'

"Fl-istess stqarrija jghid li nqalghet ukoll kwistjoni dwar minuri li skont hu laqqghetu maghha wkoll Grace Gatt u li ftit wara omm din il-minuri bdiet thedded lill-konvenut li ser tirraportah li abbuza minn din il-minuri. Konsegwenza ta' hekk jghid li b'diversi raggiri Grace Gatt irnexxiela tiehu minghandu ammont iehor ta' eluf ta' Liri Maltin li huwa jghid li f'dan ir-rigward huwa kien gabhom mill-pagamenti li kien ircieva mill-flus li originarjament kien inkariga lil Grace Gatt biex tigborlu.

"Fl-istqarrija tal-14 ta' Settembru, 2006 f'liema stqarrija l-konvenut sahansitra kien inghata l-'caution' huwa jghid kif isegwi:

> 'Matul dan il-perjodu, Grace Gatt kienet qaltli li kienet taf wahda li xtaqet tibda relazzjoni ma' ragel u li kienet lesta thallas. Ghall-bidu ma ridtx izda minhabba li kelli bzonn il-flus accettajt u fil-fatt ghall-habta ta' nofs April 2005 iltqajt maghha fil-lukanda Riviera. Ghall-bidu din Wood kienet sellfitni madwar Lm2000 u kull darba li kont immur maghha kienet taghtini Lm100. B'kollox mort maghha bejn hamsa u ghaxar darbiet. Ghal Gunju 2005, Maureen Wood selfitni s-somma ta' Lm10,000 li minnhom jien hallast id-dejn li kelli ma' John Schemrbi li kien jammonta ghal Lm6000. Sa Settembru 2005, din Wood kienet ghaddietli madwar Lm60,000. Ghandi nghid illi waqt li jien kont qed nircievi l-flus kelli l-biza' li kont ser nitkecca minn fuq il-post tax-xoghol hekk kif kienu bezzghuni Grace Gatt u Lourdes Castillo u ghaldaqstant peress illi Lourdes Castillo qaltli li kienet taf lill-Ministru Louis Galea qabbadtha sabiex lil Busuttil jaghtuh transfer ghal Malta. Ghall-bidu lil Castillo tajtha diversi somom ta' flus cash li b'kollox lahhqu s-somma ta' Lm9000 sabiex jiena nlahhaq ma' somma illi skont Castillo kienu halsu Busuttil u Hili lix-xufier tal-Ministru Louis Galea. Malli hallast din is-somma, Castillo bdiet tghidli li Busuttil wahdu kien lest li jhallas Lm20,000 sabiex iqaccatni mix-xoghol. Bqajt tiela' sakemm lil Castillo tajtha Lm60,000 cash bl-ahhar pagament ikun ta' Lm 20,000.'

"Illi minn dak kollu suespost l-Qorti tikkonkludi li hemm provi sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi li jevidenzjaw li filwaqt li l-attrici nghatat x'tifhem mill-konvenut li hija kienet qed issellef il-flus lill-konvenut bl-intenzjoni li dawn jithallsu lura sabiex tghinu fi problemi ta' mard fil-familja, uzura u biex jixtri xi ghalqa fil-fatt huwa kien qed juza dawn il-flus sabiex, kif minghalih li kien ftiehem ma' terzi, 'jxahham' ix-xufier tal-ministru jew lill-ministru stess biex ma jinghatax transfer jew jitkecca mix-xoghol u sabiex jixtri s-silenzju ta' persuna li riedet tirrapurtah li kien abbuza minn minuri. Hareg mill-atti li r-ragunijiet vera ghalfejn il-konvenut kien qed jitlob il-flus lill-attrici ma kienux noti lill-istess attrici u li l-iskuzi li kien qed igib lilha sabiex tghaddilu l-flus jikkwalifikaw minghajr dubju bhala skuzi foloz jew ahjar pretensjonijiet foloz li wasslu lill-attrici sabiex issellfu s-

> somma ndikata minnha ta' wiehed u sittin elf, tliet mitt Lira Maltin (Lm61,300) liema somma ma tinkludux l-erba' mitt Lira Maltin (Lm400) imhallsa mill-attrici ghall-prestazzjonijiet sesswali tieghu, ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqq li jigu milqugha. Il-Qorti tinnota izda li t-talba kontenuta fir-rikors guramentat tindika somma nferjuri ta' sittin elf Liri Maltin u ghalhekk din il-Qorti hija fil-pozizzjoni biss li tiddikjara bhala dovuta s-somma ta' sittin Elf Liri Maltin (Lm60,000) ekwivalenti ghas-somma ta' mija u disgha u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Euro u erbghin centezmu (€139,762.40).
>
> "Kawza Illecita:
>
> "Fis-sottomissjonijiet tieghu l-konvenut iqajjem il-kwistjoni li l-kawza tal-attrici ma tistax tregi minhabba li l-flus thalsu abbazi tar-relazzjoni llecita li kien hemm bejn il-partijiet. Din il-Qorti wara li gharblet il-provi kollha mressqa fl-atti ma tqisx li dan l-argument huwa bbazat fuq il-fatti anki in vista ta' dak li nghad aktar 'il fuq fir-rigward tal-istqarrijiet tal-konvenut moghtija lill-pulizija. Huwa minnu li originarjament il-partijiet iltaqghu bl-ghan li jkollhom relazzjoni ntima bi hlas izda l-flus li gew mghoddija lill-attur, oltre l-erba' mitt Lira Maltin (Lm400) li huwa thallas ghas-servizzi tieghu, ma ghaddewx ghandu bhala hlas tas-servizzi sesswali tieghu izda abbazi tal-pretensjonijiet foloz li huwa ressaq lill-attrici biex jikkonvinciha biex tithassru u tghaddilu l-flus. Dan ma kellu xejn x'jaqsam mar-relazzjoni ntima ta' ftit drabi li kellhom bejniethom il-partijiet. Ghalhekk il-Qorti, filwaqt li tinnota li l-istess konvenut ma qajjimx dan il-punt, ab inizio, bhala parti mid-difiza tieghu, ma tqisx li dan l-ilment da parti tal-konvenut huwa legalment gjustifikat u ghandu jigi michud."

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut John Attard, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tat-22 ta' Settembru, 2015, fl-ismijiet premessi, b'dan illi jsostni li ghandu jirrizulta li ma kien hemm ebda pretensjonijiet foloz da parti tieghu u li ghalhekk m'ghandux irodd lura s-somma ta' flus mitluba. Isostni li ghandu jirrizulta lil din il-Qorti li l-attrici appellata kienet konxja u konsapevoli u kuntenta taghtih somom kbar ta' flus, liema somom jishaq li m'ghandux irodd lura hlief ghas-somma ta' Lm10,000, li dwarhom qatt ma kien hemm kontestazzjoni, filwaqt li l-kumplament m'ghadhomx dovuti u ma

nghatawx taht pretensjonijiet foloz. Ghalhekk il-konvenut appellant isostni li din il-Qorti ghandha tichad it-talba attrici u dan billi terga' tikkonfermaha fir-rigward tal-Lm10,000 u tichadha fil-kumplament tas-somma, jigifieri fir-rigward tal-Lm50,000, tilqa' l-eccezzjonijiet kif imressqa minnu, inkluz l-ispejjez ta' kull istanza kontra l-istess attrici.

6. Rat ir-risposta tal-attrici appellata Maureen Wood, li permezz taghha wiegbet li ghandu jirrizulta li m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-flus li qeghdin jintalbu lura minnha gew tassew mghoddija lill-appellant a bazi ta' pretensjonijiet foloz li gew ezercitati mill-appellant fil-konfront taghha, peress li qatt ma qalilha l-verità dwar ir-raguni ghalfejn kellu bzonn il-flus, u minflok huwa pprova u rnexxielu jressaq kull tip ta' skuza sabiex hija tithassru u sselfu l-flus, li huwa wera eventwalment li fil-verità qatt ma kellu intenzjoni li jirritornahom lura. Ghalhekk l-appellata tinsisti li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u b'hekk l-appell imressaq ghandu jigi michud fl-intier tieghu, bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' dan l-appell, bl-imghax skont il-ligi.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

9. Illi din il-kawza titratta t-talba attrici, bhala kreditrici tal-konvenut, sabiex isir hlas lura ta' flus li nghataw lill-konvenut. Kwindi l-attrici titlob dikjarazzjoni li l-flejjes inghataw lill-konvenut taht pretensjonijiet foloz u kundanna ghall-hlas tas-somma ta' Lm60,000, bl-ispejjez u bl-imghax skont il-ligi.

10. Il-konvenut cahad li l-attrici ghaddietlu xi flus taht pretensjonijiet foloz, peress li jsostni li l-unika kuntrattazzjoni ta' flus li ghaddiet bejn il-partijiet kienet dik konsistenti f'self tas-somma ta' Lm10,000 maghmul mill-attrici fl-1 ta' Gunju, 2005, filwaqt li kull somma ulterjuri li ghaddiet kienet a bazi ta' natura personali u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha.

11. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali, permezz tas-sentenza taghha tal-1 ta' Dicembru, 2010, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat il-flejjes trasferiti lill-konvenut, gew moghtija taht pretensjonijiet foloz u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma €139,800, bl-imghaxijiet fuq is-somma ta' €23,300 b'effett mill-iskadenza tad-data li fiha kellu jithallas lura dan is-self, cioè mill-1 ta' Gunju, 2007 u fuq il-bilanc b'effett mid-data tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar, 2006. Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu inkwantu ghal hames sesti mill-konvenut u sest mill-attrici.

12. Permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tat-18 ta' Lulju, 2014, thassret is-sentenza appellata u baghtet l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tqis it-talbiet tal-attrici fid-dawl tal-premessi mressqa mill-istess attrici, fir-rikors mahluf li bih inbdiet il-kawza. Bl-ispejjez jigu decizi fis-sentenza finali.

13. Wara li l-atti ntbghatu lura lill-ewwel Qorti, permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, tat-22 ta' Settembru, 2015, il-kawza giet deciza fis-sens illi cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat li s-somma ta' €142,790.60 kienet moghtija mill-attrici lill-konvenut taht pretensjonijiet foloz; kif ukoll laqghet it-tieni talba attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €139,762.40. Bl-ispejjez kollha, nkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 61/06 u l-ittra ufficjali numru 77/06, kif ukoll, peress li l-ammont qatt ma kien ikkontestat, izda kien kontestat biss jekk kienx dovut lura jew le, ghandu jithallas imghax skont il-ligi mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

14. Il-konvenut John Attard hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax li ghalkemm il-konvenut appellant fit-talba tieghu jitlob li s-sentenza appellata ghandha tigi mhassra u revokata, fl-istess waqt jikkoncedi li

Lm10,000 mis-somma mitluba kienet inghatat lilu b'self, li jfisser li fil-verità kellu jitlob riforma tas-sentenza appellata. Madankollu din il-Qorti ser izzomm ma' dak li ntalab mill-appellant fit-talbiet tieghu fir-rikors tal-appell. Minn qari tar-rikors tal-appell, li fil-verità huwa simili ta' dak li nghad fin-nota tas-sottomissjojijiet quddiem l-ewwel Qorti, jirrizulta li ssir rassenja mill-gdid tal-provi in atti mill-perspettiva tal-konvenut appellant u jressaq mill-gdid l-argumenti li ghamel quddiem l-ewwel Qorti, sabiex isostni li fil-fehma tieghu ma kellux jinstab li l-flus li nghataw lilu kienu taht pretensjonijiet foloz, u ghalhekk ma kellux jigi ordnat ihallas lura l-imsemmija flus. Ladarba l-appellant jikkontesta s-sentenza appellata minghajr ma jattakka punt ta' ligi sostantiv jew procedurali, isegwi li l-appellant qieghed unikament jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

15. Ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax facilment id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi bizzejjed. Ghalkemm din il-Qorti ghandha tara u tifli l-valutazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, m'ghandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm ragunijiet tabilhaqq serji biex taghmel dan. Il-funzjoni ta' revizjoni li trid taghmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti, bhallikieku ma sar xejn. Ghall-kuntrarju, jekk jirrizulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar

mill-ewwel Qorti huwa wiehed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konkluzjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sintezi tar-ragunament mibni fuq dawk il-provi u t-thaddim xieraq tal-ligi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Cardona et v. Massimo Zahra et**).

16. Trattat dan il-principju generali, imiss li jigu esposti l-argumenti tal-konvenut appellant. Filwaqt li l-appellant jikkoncedi li ghaddew il-flus minghand l-appellata ghal ghandu, huwa jishaq li kien hemm sfond sesswali ghal dan it-trasferiment ta' flus. Izda jichad li l-flus gew moghtija lilu taht pretensjonijiet foloz, peress li jikkontendi li huwa kien jiftah qalbu mal-attrici dwar il-problemi li kellu ma' Grace Gatt u Lourdes Castillo, kwindi kienet kuntenta taghtih il-flus li kien ikollu bzonn. Jirreferi ghall-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront ta' dawn iz-zewg individwi wara li kien vittma ta' rikatt da parti taghhom, kif kien ikkonfermat mill-Ispettur Angelo Gafà. Isostni li l-attrici appellata kienet taf tajjeb b'dan kollu. Jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) tad-19 ta' Settembru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lourdes Castillo**, fejn il-Qorti sabet hatja lil Lourdes Castillo ta' frodi u rikatt ghad-dannu tieghu u kkundannatha ghal perjodu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Apparti r-rikatti, fl-istess zmien

l-appellant kien maghfus fil-flus ukoll minhabba l-marda li kellha ommu u kien jitlef granet ta' xoghol sabiex iwassalha l-isptar.

17. L-appellant jixhet dubju ukoll fuq l-istat mentali fragili tal-attrici appellata, kif rizultanti mir-rapport tal-perit *ex parte* Dr Joseph Saliba, sabiex b'xi mod jiggustifika l-agir irresponsabbli taghha. L-appellant josserva bhala stramb il-fatt li l-appellata damet tliet snin sabiex tgharraf lill-psikjatra taghha li kellha relazzjoni klandestina u extra-matrimonjali u li kienet sahansitra qeghda thallas ghas-sess. Kwindi konxjament hbiet tali dettalji mill-istess persuna li ma kellux interess iehor ghajr li jghinha, izda minkejja li kienet taf lill-appellanti ftit xhur biss, fdatu u bdiet tghaddilu somom kbar ta' flus. L-appellant jishaq li l-konkluzjoni logika hija li l-appellata riedet ir-relazzjoni, tant li kienet lesta li thallas ghaliha u sahansitra li thallas kwalunkwè ammont ta' flus sabiex tinghata dik l-attenzjoni li kien jaghtiha l-appellant. Wara kollox, l-appellata fix-xhieda taghha tikkoncedi li kienet hi li cemplitlu l-ewwel darba, hija kienet li tibbukkja u thallas bi flus kontanti l-lukanda, li huwa jsostni ma tantx huwa attegjament ta' vittma ta' xi dghjufija mentali. Kwindi minkejja li l-appellata seta' kellha problemi personali, hija kienet tiehu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ma tinqabadx u fl-istess waqt taghmel minn kollox sabiex izzomm ir-relazzjoni klandestina mieghu, inkluz li tizborsa somma ingenti ta' flus ghal dan il-ghan.

18. Filwaqt li l-appellant qatt ma nnega li huwa rcieva b'kollox is-somma ta' Lm60,000 minghand l-appellata, izda dejjem sostna li Lm10,000 biss inghataw lilu b'titolu ta' self, li kellhom jigu rimborsati, filwaqt li Lm50,000 inghataw lilu b'rigal u dan fl-isfond tar-relazzjoni intima li kien hemm bejn il-kontendenti fil-kawza. L-appellant isostni li l-appellata kienet taf sew x'kienet qeghda taghmel u ma kien hemm ebda pretensjonijiet foloz da parti tieghu, peress li jsostni li huwa kien qalilha bil-problemi kollha tieghu, izda l-appellata kienet lesta li taghmel kollox ghall-attenzjoni tieghu. Inoltre, meta huwa beda jhoss li kellu jieqaf jiltaqa' mal-appellata, hija kienet dejjem lesta li taghtih pagamenti ohra sabiex izzommu maghha. Meta huwa naqas milli jkompli jiltaqa' maghha, l-attrici appellata mexxiet kontrih bil-qorti sabiex iggib il-flus lura. Dawn id-dubji persistenti kollha kellhom jixhtu dawl fuq dak li effettivament sehh bejn il-kontendenti fil-kawza, cioè li ghaddew il-flus mill-attrici ghal ghandu, izda dan fl-isfond tar-relazzjoni intima bejniethom.

19. Trattati l-ilmenti tal-appellant, tajjeb li jinghad li dawn il-qrati huma obbligati li jiddeciedu l-kawzi fil-kuntest tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Il-principju ewlieni li jirregola l-piz probatorju jibqa' dejjem dak li min jallega jrid jipprova, dak li fil-gurisprudenza taghna, jigi deskritt bhala *onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Fir-rigward il-materja ta' provi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-

sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn jinghad:

> *"a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu.* ***Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)*** *– Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> *b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> *c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju inkwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*
>
> *d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";* (enfasi maghmul minn din il-Qorti).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ghandu jinghad li filwaqt li jispetta lill-attrici appellata tipprova l-kreditu taghha u li tassew hija ghaddiet il-flus taht pretensjonijiet foloz, izda kien imbaghad jaqa' fuq il-konvenut appellant li jipprova dak allegat minnu permezz tal-

eccezzjonijiet tieghu, jigifieri li salv l-Lm10,000 li l-attrici ghaddietlu b'titolu ta' self, il-Lm50,000 ghaddiethomlu fuq bazi personali (fil-kuntest tar-relazzjoni intima ta' bejniethom).

20. Wara li rat il-provi in atti, din il-Qorti ssib li l-attrici appellata ssostni li r-ragunijiet li gabilha l-konvenut appellat ghall-bzonn tal-flus kienu dawk elenkati mill-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha tal-mertu, li jistghu jinqasmu principalment fi tliet kategoriji (i) l-uzura; (ii) l-marda ta' ommu; u (iii) biex jixtri ghalqa. Din il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma. Izda huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost il-verzjonijiet moghtija u tislet provi indipendenti li minnhom jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif graw l-affarijiet. (Ara sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**). In tema legali, dwar kunflitt ta' verzjonijiet, fil-kaz fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. David Curmi noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2003, ikkonfermata minn din il-Qorti, fid-19 ta' Gunju 2006, inghad ukoll:

> "*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*
>
> *Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-*

> *probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, inkwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);*"

21. Filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha, ghandu jinghad li, din il-Qorti hija propensa li taqbel mal-Qorti ta' qabilha li ssibha difficli temmen li l-attrici tat din is-somma ngenti lill-konvenut jekk mhux ghax kien qieghed jittanta jqanqal lill-attrici sabiex tithassru u tghaddilu l-flus taht il-pretensjonijiet varji. Dan jinghad peress li l-attrici kienet konsistenti fil-verzjoni taghha dwar ic-cirkostanzi li fihom ghaddiet dawn il-flus lill-konvenut. Kif jirrizulta mill-kontro-ezami taghha hija tichad kategorikament li tat il-flus lill-konvenut b'rigal u tghid ukoll: "*le, mela ma naghtihx gidi rigal. U jien x'naghmel, jekk naghtih gidi rigal jew donazzjoni? …jien minn qabel ghedtlu li ser insellifhomlu*". Dan kuntrarjament ghall-konvenut li beda billi eccepixxa li l-parti l-kbira tal-flus inghaddew lilu ghal ragunijiet ta' natura strettament personali, mbaghad xehed li dawn kienu mghoddija lilu bhala forma ta' donazzjoni jew rigal, sussegwentement jinghad minnu li dawn kienu kumpens ghas-servizzi personali rezi lill-attrici u fl-appell odjern jinghad li l-attrici kienet konsapevoli tal-problemi tal-konvenut u bejn li thassritu u bejn li kienet imxennqa ghalih, ma kellux obbligu jrodd Lm50,000 lura! Din il-Qorti wkoll hija konvinta li l-konvenut ressaq pretensjonijiet foloz billi laghab bl-emozjonijiet tal-attrici, sabiex hadilha gidha, tant li kumbinazzjoni hass il-kuxjenza tniggsu u ddecieda li jwaqqaf ir-relazzjoni li kellu mal-attrici

konvenjentement meta ghaddietlu l-flus kollha li kellha ghad-dispozizzjoni taghha! Hasra li messitux il-kuxjenza bizzejjed li jrodd lura dak li nghata lilu fil-mument ta' bzonn!

22. L-appellant jikkontendi li l-attrici appellata kienet konsapevoli tal-problemi li kellu u jaghmel referenza ghal sentenza in sostenn tal-argument tieghu. Meta din il-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) tad-19 ta' Settembru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet il-**Pulizija v. Lourdes Castillo**, citata mill-konvenut appellant, jirrizulta li tabilhaqq il-konvenut kien vittma ta' frodi u truffa. Izda dan fih innifsu ma jehlisx lill-konvenut appellant minn dak li qieghed jinghad mill-attrici. Anzi fl-istess sentenza jinghad: *"**Jidher illi dawn il-flus Attard issellifhom minn ghand certu Maureen Woods li tghid li b'kollox sellfitu madwar Lm60,000** oltre li kienet tatu pagament ta' Lm400 in konnessjoni ma' favuri sesswali. Din ix-xhud tezebixxi diversi dokumenti bankarji li juru illi hija kienet ghaddiet dawn il-flus lil Attard. Attard jikkontendi li dana l-ammont ta' Lm60,000 kien ghaddiehom kollha lill-imputata".* Fattur iehor huwa li mid-dokumenti in atti jirrizulta li l-ahhar trasferiment ta' fondi li ghamlet l-attrici appellata favur il-konvenut appellant, kienu f'Awwissu u Settmbru tas-sena 2005 (ara fol. 50 u 102 tal-process), mentri l-konvenut ghamel rapport dwar allegata frodi lill-pulizija f'Lulju, 2006 (ara xhieda tal-ispettur Angelo Gafà a fol. 61 tal-process). Il-proceduri kriminali nbdew fil-konfront ta' Lourdes Castillo fl-

2007, kwindi ferm wara li l-attrici appellata ghaddiet il-flus lill-konvenut. Dan ifisser li m'hemmx prova li l-attrici kienet mgharrfa bil-problemi li kellu l-konvenut ta' truffa u frodi (mhux uzura). Hekk ukoll ghalkemm il-konvenut appellant isemmi l-fatt li kien maghfus finanzjarjament minhabba li ommu kienet marida bhala fatt, ma ressaq ebda prova ta' spejjez li huwa kellu f'dan is-sens, meta kien jispetta lilu li jressaq tali prova.

23. L-ardir tal-konvenut huwa ta' stmerrija meta jittanta jpoggi f'dubju l-istat vulnerabbli tal-attrici, hekk kif rizultanti mir-rapport tal-psikjatra kuranti Dr. Joseph Saliba. Ghalkemm huwa minnu li dan ir-rapport huwa wiehed *ex parte,* il-konvenut appellant ma ressaq ebda prova konkreta sabiex ipoggi f'dubju tali rapport. Kwindi kull kumment ulterjuri fir-rigward huwa superfluwu. Tajjeb izda jinghad li l-konvenut appellant kien konxju mill-istat vulnerabbli tal-attrici tant li pprova jikkonvinciha tieqaf tiehu l-kalmanti! Hekk ukoll l-asserzjoni tal-konvenut li l-attrici kienet thallsu aktar flus meta kien ikollha biza' li ser ihalliha, hija jekk xejn, prova ohra li l-konvenut kien konsapevoli tal-istat fragili li l-attrici kienet tinsab fih. Altru li l-konvenut approfitta ruhu mill-istat vulnerabbli tal-attrici! Mhux sorprendenti xejn li l-attrici appellata ghazlet li ma tgharrafx lill-psikjatra taghha dwar ir-relazzjoni li hija kellha mal-konvenut appellant barra miz-zwieg, jew li kienet tadotta certu mizuri sabiex tahbi tali relazzjoni. Izda l-Qorti hija konvinta mill-ingann ezercitat mill-

konvenut appellant permezz tal-istejjer tieghu, kien tali li qarraq lill-attrici meta kkonvinciha tghaddilu somom kbar ta' flus, meta huwa ma kellu ebda intenzjoni iroddhom lura, tant li lanqas il-flus li jikkoncedi li l-attrici ghaddietlu b'self ma kompla jhallas lura!

24. Konsegwentement l-attrici garrbet pregudizzju serju, meta hija fdatlu somom ingenti ta' flus sabiex tghinu, konsidrata s-sitwazzjoni li pprezentalha, sabiex imbaghad jikkontendi li dawn il-flus gew mghoddija lilu b'rigal, donazzjoni jew sahansitra b'rikonoxximent tar-relazzjoni intima li kien hemm bejniethom! Altru li l-konvenut appellant ha vantagg mill-qaghda psikologika tal-attrici. Li kieku tassew il-konvenut appellant kellu kuxjenza, ma jistaqsix lilu nnifsu kif l-attrici ghaddietlu dawk il-flus kollha, prattikament gidha kollu sabiex tghinu, jekk mhux ghax kienet persuna vulnerabbli? Il-fatt li l-attrici appellata kienet ghamlet l-ewwel pass li tfittxu sabiex ikollha kumpannija u relazzjoni mieghu, ma kienet taghti lill-konvenut appellant l-ebda jedd li japprofitta ruhu mill-istat vulnerabbli taghha ghall-interessi personali tieghu. Tabilhaqq fil-fehma ta' din il-Qorti, l-konvenut appellant ma mexiex sew mal-attrici appellata.

25. Il-konvenut appellant jittanta jikkonvinci lill-Qorti mill-onestà tieghu billi jikkoncedi li huwa effettivament issellef minghand l-attrici Lm10,000 filwaqt li nghatawlu 'l bqija madwar Lm50,000, fl-isfond tar-relazzjoni intima li kien hemm bejn il-kontendenti fil-kawza. Izda fil-verità

din il-Qorti hija konvinta li l-konvenut adotta din il-linja difensjonali mal-ewwel, konsegwenza tal-fatt li l-attrici kienet ghamlet kitba fir-rigward ta' dawn l-Lm10,000. Huwa veru li din il-kitba qatt ma giet ipprezentata (peress li l-attrici tghid li tilfitha), izda kienet din l-unika raguni 'l ghala l-konvenut mal-ewwel accetta li Lm10,000 inghataw b'self, peress li kien jaf li l-attrici kellha x'turi fir-rigward ta' dawn il-flus. Daqstant iehor, peress li l-konvenut kien jaf li l-attrici ma kellha ebda kitba x'turi fir-rigward tal-Lm50,000, huwa jittanta japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni u jghid li dawn inghataw lilu bhala rigal jew donazzjoni jew issa fl-isfond tar-relazzjoni intima li kien hemm bejniethom u kwindi li ma kellu ebda obbligu jroddhom lura!

26. Izda apparti li l-konvenut appellant jilluzinga ruhu zzejjed meta jittanta jikkonvinci lil din il-Qorti li nghata xejn anqas minn Lm50,000 fl-isfond tar-relazzjoni intima li kellu mal-attrici appellata, dan jinsab kontradett mill-istess attrici appellata meta konsistentement fix-xhieda taghha hija taghmel distinzjoni netta bejn dak li hija kienet thallas lill-konvenut appellant, cioè Lm100 ghal kull inkontru li kien ikollha mieghu, mentri l-flus l-ohra kienu avvanzati minnha lill-konvenut appellant fic-cirkostanzi mweghra li kien jipprezentalha, peress li kienet tithassru. Il-fatt li l-attrici dahlet fin-nassa m'huwa xejn ghajr prova ohra tal-istat vulnerabbli taghha. Kwindi ma tezistix prova li ssostni t-tezi tal-konvenut appellant.

27. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, minkejja li din il-Qorti xtarret il-provi mill-gdid, ma tara li tezisti l-ebda raguni valida li tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, anzi pjuttost issib li l-appell tal-konvenut huwa fieragh li jimmerita l-provvediment kontemplat fil-ligi f'dawn ic-cirkostanzi.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut appellant, billi tichad l-istess u ghalhekk tikkonferma fis-shih is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, tat-22 ta' Settembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kontra l-istess konvenut appellant u b'applikazzjoni tal-Artikolu 223(4) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, tordna li jhallas spejjez doppji.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb